



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.6.2013
COM(2013) 463 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

It-tmien rapport ta' progress dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali

L-aspetti reġjonali u urbani tal-kriżi
{SWD(2013) 232 final}

WERREJ

1.	Introduzzjoni	3
2.	Il-Kuntest.....	3
2,1.	Tnaqqis tal-PDG u l-impjiegi.....	3
2,2.	Deterjorament tal-finanzi nazzjonali u sottonazzjonali.....	4
2,3.	Il-konstruzzjoni u l-manifattura huma l-aktar milquta mir-reċessjoni	4
2,4.	L-esportazzjoni qed tirkupra	5
2,5.	L-investimenti barranin diretti naqqsu l-pass.....	6
2,6.	Żieda fir-riskju ta' faqar u ta' esklużjoni.....	7
3.	L-impatt reġjonali.....	10
3,1.	Il-PDG u l-impjiegi fl-ewwel tliet snin tal-kriżi.....	11
3,2.	Il-qgħad qed jiżdied, speċjalment fir-reġjuni tan-Nofsinhar	11
3,3.	Il-migrazzjoni qiegħda tnaqqas il-pass.....	12
4.	L-impatt urban.....	12
4,1.	Ir-reġjuni metropolitani għandhom taħlita ta' reżiljenza u vulnerabbiltà.....	12
4,2.	L-ibliet fi kriżi	13
5.	Il-Politika tal-Koeżjoni u l-kriżi	15

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

It-tmien rapport ta' progress dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali

L-aspetti reġjonali u urbani tal-kriżi

1. INTRODUZZJONI

Fl-2014, se jibda l-perjodu ta' programmar tal-Politika ta' Koeżjoni wara l-aħħar reċessjoni ta' dawn l-aħħar 50 sena. Il-kriżi reġgħet lura l-proċess ta' konverġenza tal-PDG *per capita* u l-qgħad reġjonali fl-UE. L-isfida issa hija li jiġi żgurat ritorn bla dewmien lejn perkors ta' tkabbir qawwi, b'mod partikolari fir-reġjuni u l-ibliet anqas żviluppati.

Biex jappoġġa n-negozjati li ġejjin dwar il-programm, dan ir-rapport jenfasizza l-bidliet ispirati mill-kriżi li se jaffettwaw il-kuntest u l-prijoritajiet tal-programmi l-ġodda. Ir-rapport l-ewwel jistabbilixxi x-xena b'ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi ewlenin fil-livell nazzjonali. Imbagħad iħares lejn l-impatt tal-kriżi fuq ir-reġjuni u l-ibliet u ż-żieda fid-disparitajiet. Fl-aħħar nett, huwa juri b'mod ġenerali kif l-ambjent ekonomiku mibdul se jaffettwa l-programmi ta' Koeżjoni tal-ġejjieni u jenfasizza l-ħtieġa ta' konċentrazzjoni tematika qawwija.

Dan ir-rapport isegwi s-seba' rapport ta' progress, ippubblikat fl-2011 u se jkun segwit mill-pubblikazzjoni tas-sitt Rapport tal-Koeżjoni fl-2014. Is-sitt rapport tal-Koeżjoni se jkopri wkoll kwistjonijiet bħall-innovazzjoni, il-klima, u l-ambjent, li ma setgħux jiġu inklużi hawn.

2. IL-KUNTEST

2.1. Tnaqqis tal-PDG u l-impjiegi

L-UE daħlet friċessjoni fit-tieni trimestru tal-2008, li damet ħames trimestri. Sa mir-reċessjoni, it-tkabbir globali f'termini tal-PDG kien bil-mod ħafna. Il-PDG tal-UE reġa' ċkien fl-aħħar trimestru tal-2011 u fl-ewwel żewġ trimestri u fl-aħħar trimestru tal-2012. Jekk il-PDG jiċkien ukoll fl-ewwel trimestru tal-2013 din se tkun saret riċessjoni bi tliet fażijiet.

L-impatt globali tal-kriżi fuq il-PDG u l-impjiegi bejn l-2007 u l-2011 kien l-ogħla fit-tliet Stati Baltiċi, l-Irlanda, il-Greċja u Spanja (ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal COM, Figura 1). L-Istati Baltiċi u l-Irlanda reġgħu bdew jikbru fl-2010 jew fl-2011 u huma mbassra li jkomplu jikbru sal-2014.

Spanja u l-Greċja, madankollu, għadhom ma marrux lura lejn it-triq tat-tkabbir konsistenti. Spanja bdiet tikber fl-2011, iżda l-PDG tagħha naqas fl-2012. Ir-rati tat-tkabbir tal-PDG provviżorju għall-Greċja juru tkomplija u tisħiħ tar-riċessjoni. Il-PDG tagħha naqas b'madwar 7 % fl-2011 u l-2012 u jista' biss jibda jikber fl-2014.

Barra minn hekk, Ċipru kienet affaċċata minn kriżi finanzjarja fl-2012 li wasslet għal tnaqqis aħrax tal-PDG u l-impjiegi li mistenni jkompli sal-2014.

B'kuntrast, disa' Stati Membri esperjenzaw riċessjoni relattivament moderata jew, fil-każ tal-Polonja, sempliċiment tnaqqis fil-pass tat-tkabbir.

2.2. Deterjorament tal-finanzi nazzjonali u sottonazzjonali

Il-kriżi ekonomika u finanzjarja wasslet għal żidiet sinifikanti fid-dejn totali tal-gvern (ara l-Iskeda 1) f'erba' modi. L-ewwel nett, bosta gvernijiet nazzjonali appoġġaw lis-settur finanzjarju permezz ta' rikapitalizzazzjoni tal-banek u trasferimenti ta' assi. It-tieni, tnaqqis fir-ritmu tal-attività ekonomika naqqas id-dħul mit-taxxi u żied l-infiq soċjali (pereżempju l-benefiċċji tal-qgħad). It-tielet, il-gvernijiet adottaw pakketti ta' stimolu biex jagħtu spinta lid-domanda. Ir-raba', il-proporzjon tad-dejn mal-PDG huwa miżjud ukoll minħabba tkabbir baxx fil-PDG.

B'riżultat ta' dan, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern imqabbel mal-PDG fl-UE spara 'l fuq bejn l-ewwel trimestru tal-2008 u r-raba' trimestru tal-2012 minn 59 % għal 85 %. Iż-żidiet nazzjonali kienu l-ogħla fl-Irlanda (90 punt perċentwali), il-Portugall (56 pp), il-Greċja u Spanja (li t-tnejn 49 pp). L-Istati Membri li xtraw banek li kienu qed ifallu jistgħu jkunu kapaċi jnaqqsu d-dejn tagħhom billi jbigħu l-assi li baqa' tal-banek, iżda l-valur tagħhom jibqa' inċert.

Dejn għoli tal-gvern jista' jqajjem tħassib dwar il-ħila tal-gvern li jirrispetta l-obbligi tad-dejn tiegħu fuq medda twila ta' żmien. Dan jista' jwassal għal rati tal-imgħax u ħlasijiet ogħla. It-taxxi ogħla meħtieġa biex jiġu rrispettati l-obbligi tad-dejn jistgħu jaġixxu bħala ostaklu fuq it-tkabbir.

Fil-perjodu 2011-2013, ħafna Stati Membri taw bidu għal konsolidazzjoni fiskali billi primarjament naqqsu l-infiq (-1,5 % tal-PDG tal-UE fl-2011 meta mqabbel mal-2010). Fil-biċċa l-kbira tnaqqas l-infiq li huwa favorevoli għat-tkabbir. Għaldaqstant, l-investiment pubbliku (hawn: Formazzjoni ta' Kapital Fiss Gross) bħala sehem tal-PDG se jkun aktar baxx fit-18-il Stat Membru fl-2013 milli fl-2011. Dan it-tnaqqis jista' jaffettwa t-tkabbir fuq medda medja ta' żmien.

Id-dejn pubbliku ma jaffettwax il-pajjiżi kollha b'mod ugwali. Id-dejn pubbliku tal-Estonja huwa biss 10 % tal-PDG tagħha. Tlettat-il Stat Membru biss għandhom dejn pubbliku taħt is-60 % tal-PDG tagħhom: it-tliet Stati Membri Nordiċi, il-Lussemburgu u disgħa mill-10 Stati Membri Ċentrali u tal-Lvant. Il-kriżi taffettwa l-gvernijiet sottonazzjonali b'żewġ modi. L-ewwel nett, il-kriżi wasslet għal tnaqqis tad-dħul mit-taxxi u għal tnaqqis fit-taxxi maħsuba biex jistimulaw it-tkabbir. It-tieni, il-kriżi żiedet id-domanda lokali għas-servizzi pubbliċi u l-ħarsien soċjali, u wasslet għal nefqa pubblika ogħla.

Il-konsolidazzjoni fiskali qed tpoġġi pressjoni fuq il-baġits tal-gvernijiet sottonazzjonali. Dawn għandhom qed iħabbtu wiċċhom ma' livelli ogħla ta' nefqa soċjali u jridu jnaqqsu n-nefqa u jżidu d-dħul. Id-diffikultajiet finanzjarji tagħhom jistgħu jaffettwaw il-provvista tas-servizzi pubbliċi.

Il-konsolidazzjoni fiskali li tiffavorixxi t-tkabbir ekonomiku għandha tiżgura li t-tnaqqis tad-dejn tal-gvern ċentrali ma jiġix ikkompensat minn żieda fid-dejn tal-gvern sottonazzjonali. Dan it-tnaqqis koordinat tad-dejn għandu jiżgura wkoll li l-investimenti pubbliċi li jsaħħu t-tkabbir, inklużi dawk li huma kofinanzjati mill-Politika ta' Koeżjoni, jinżammu.

2.3. Il-kostruzzjoni u l-manifattura huma l-aktar milquta mir-reċessjoni

Għalkemm il-kriżi bdiet fis-settur finanzjarju u tal-assigurazzjoni, dan is-settur kien jirrappreżenta bejn wiehied u ieħor l-istess ammont ta' valur miżjud gross (VMG) u impjiegi fl-UE fl-2011 bħal fl-2007. Fis-sitt Stati Membri l-aktar milquta mill-kriżi, madankollu, l-

impjiegi f'dan is-settur naqsu b'1 % u l-VMG tiegħu b'1,8 % kull sena bejn l-2007 u l-2011 (ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal COM, il-Figura 2).

Bejn l-2007 u l-2011, kemm il-VMG kif ukoll l-impjiegi fil-kostruzzjoni naqsu bi 3 % fis-sena fl-Unjoni. Fis-sitt pajjiżi fejn l-impatt tar-reċessjoni kien l-akbar, it-tnaqqis kien saħansitra bejn l-10 u l-20 % fis-sena għall-impjiegi u bejn is-6 % u l-20 % għal VMG.

Dan it-tnaqqis drammatiku fis-settur tal-kostruzzjoni huwa marbut mal-bużżeġa tal-proprjetà immobbli u l-kollass sussegwenti tal-prezzijiet tal-proprjetà immobbli f'diversi Stati Membri. Bejn l-2007 u l-2012, il-prezzijiet tal-proprjetà immobbli naqsu b'bejn 30 % u 50 % fl-Irlanda¹, il-Latvja u l-Estonja (ara l-Iskeda 2). Fil-Portugall, sa issa naqsu b'-9 %. Fil-Greċja, iċ-ċifri tal-Eurostat jindikaw żieda moderata bejn l-2007 u l-2010, iżda sorsi oħra² jindikaw li l-prezzijiet bdew jaqgħu mill-2010. B'mod globali, ma jistax jiġi eskluż aktar tnaqqis.

Is-settur tal-manifattura qala' daqqa bi tnaqqis ta' aktar minn 2 % fis-sena bejn l-2007 u l-2011. Fis-sitt Stati Membri l-aktar milquta, il-medja annwali tat-tnaqqis kienet ta' kważi 5 %. It-tnaqqis fil-VMG kien fil-livell aktar moderat ta' 0,9 %. Il-bidliet fil-VMG kienu aktar varjabbli bl-akbar tnaqqis matul il-perjodu jseħħ fil-Greċja (-6 %) u l-Finlandja (-5 %) u l-akbar żidiet iseħħu fis-Slovakkja (8 %) u l-Irlanda (4 %) (ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, il-Figura 3). It-tnaqqis fil-manifattura kien marbut mill-qrib mat-tnaqqis fil-kummerċ.


2.4. L-esportazzjoni qed tirkupra

Wara l-kriżi, il-kreditu sar skars, u dan naqqas l-investimenti u l-konsum. Dan naqqas il-kummerċ fl-oġġetti u kkawża lir-riċessjoni sabiex tinxtered malajr lejn l-imsieħba kummerċjali importanti, li wassal għal aktar telf ta' introjtu u/jew impjiegi. Għalkemm it-tkabbir tal-2004 ta spinta lill-kummerċ tal-UE, il-kriżi wasslet għal waqgħa f'daqqa (ara l-Figura 1).

Figura 1: It-tibdiliet fil-volum tal-kummerċ tal-UE, 2000-2011

¹ 2007-2010

² L-Indiċi tad-Djar tal-Economist



L-esportazzjonijiet kienu għadhom qed jikbru fl-2008, għalkemm b'ritmu ħafna aktar kajman, filwaqt li t-tkabbir fil-volumi tal-importazzjonijiet kien qrib iż-zero. Fl-2009, l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet waqgħu bi 15 % għal livell komparabbli ma' dak tal-2005.

L-Istati Membri Ċentrali u tal-Lvant ġarrbu l-akbar tnaqqis fl-importazzjonijiet (ara l-Iskeda 3). Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi li ssieħbu fl-UE wara l-2004 kienu qed igawdu perjodu ta' tkabbir ekonomiku għoli alimentat minn livell għoli ta' investiment u konsum, qabel ma laqtithom il-kriżi.

Fl-Istati Membri tal-Punent, l-esportazzjonijiet waqgħu aktar mill-importazzjonijiet billi, għall-inqas inizjalment, il-konsum domestiku u l-investiment kienu inqas milquta mill-kriżi. It-tnaqqis globali fid-domanda wassal għal tnaqqis fl-esportazzjonijiet, li wassal għal tnaqqis tal-produzzjoni fis-settur tal-manifattura. L-esportazzjonijiet, fortunatament, irkupraw malajr b'volumi simili fl-2010 bħal fl-2007. Madankollu, il-konsegwenzi tat-tnaqqis f'daqqa fl-esportazzjonijiet ikomplu jinħassu fis-suq tax-xogħol.

2.5. L-investimenti barranin diretti naqqsu l-pass

Bħala riżultat tal-kriżi, l-investiment barrani dirett (IBD) naqas b'rata mgħaġġla. Ħafna investituri barranin iddiriġew ir-riżorsi disponibbli lura lejn il-kumpaniji "omm". Is-sħubija fl-UE għamlitha eħfef għall-Istati Membri Ċentrali u tal-Lvant sabiex ikollhom aċċess għall-IBD grazzi għas-suq uniku u l-inkorporazzjoni tal-acquis tal-UE. L-IBD jista' jikkontribwixxi għal kisbiet fl-effiċjenza, trasferiment ta' teknoloġiji innovattivi u produttività oġhla fil-pajjiżi


li jirċevuh. Għalhekk, l-influssi tal-IBD għandhom rwol importanti fl-Istati Membri inqas żviluppati għall-ħolqien tal-impjiegi u l-modernizzazzjoni tal-ekonomiji tagħhom.

Il-flussi tal-investment esoġeni dirett barrani minn Stati Membri oħra u minn barra l-Unjoni kibru malajr ħafna bejn l-2004 u l-2007. Il-flussi tal-investimenti esoġeni kkwadruplikaw bejn l-2004 u l-2007 (ara l-Figura 2). Il-flussi tal-investment esoġeni naqsu fl-2008 u fl-2009 meta s-sitwazzjoni globali tal-kreditu ddeterjorat. L-aktar punt baxx, fl-2010, kien jikkorrispondi mal-livell tal-2004. Fl-2011, il-flussi reġgħu żdiedu.

Il-flussi tal-investment dirett barrani ma jurux l-istokk ta' investment barrani. L-istokks miżmuma f'pajjiżi oħra żdiedu bi kważi 60 % bejn l-2004 u l-2007. Din iż-żieda qatt ma treġġgħet lura. Sal-2011, l-istokks fidejn il-barranin kienu aktar minn darbtejn ogħla milli kienu fl-2004.

F'xi pajjiżi tal-UE, l-influssi tal-IBD huma sors ewlieni ta' kapital u investmenti. Pereżempju, l-influssi netti medji tal-IBD bħala proporzjon tal-PDG bejn l-2005 u l-2007 kienu bejn il-15 % u t-23 % fil-Bulgarija, Malta, il-Belġju u l-Estonja. Il-kriżi wasslet għal tnaqqis rapidu fl-influssi tal-IBD f'10 Stati Membri Ċentrali u tal-Lvant. Dawn l-influssi naqsu b'bejn 1,5 % u 6 % tal-PDG tagħhom bejn il-perjodi 2005-07 u 2008-10, bl-eċċezzjoni tal-Bulgarija, fejn naqsu bi 12 % tal-PDG tagħha (ara l-Iskeda 4).

Figura 2: Investment Barrani Dirett fl-UE, l-2004-2011



2.6. Żieda fir-riskju ta' faqar u ta' esklużjoni

Fil-livell tal-UE, il-kriżi żiedet il-popolazzjoni li qiegħda fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali. Bejn l-2009 u l-2011, is-sehem żdied b'punt perċentwali wieħed. It-tliet komponenti kollha kemm huma (ir-rata ta' persuni f'riskju ta' faqar, id-deprivazzjoni materjali severa u l-intensità baxxa ħafna tax-xogħol) ukoll qegħdin jiżdiedu, b'mod partikolari l-intensità baxxa

ħafna tax-xogħol (ara Figura 3). Dan l-impatt x'aktarx li jinħass aktar fil-futur billi l-kriżi għadha ma spiċċatx u l-effett jieħu ż-żmien biex jiffltra.

L-impatt fuq ir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni kien l-ogħla fis-sitt Stati Membri l-aktar milquta, iżda l-impatt fl-Italja u l-Bulgarija kien sinifikanti wkoll. Bosta mill-Istati Membri l-kbar, madankollu, kellhom biss żidiet żgħir, bħal pereżempju l-Ġermanja u r-Renju Unit, jew saħansitra tnaqqis żgħir fir-riskju tal-faqar jew esklużjoni, bħall-Polonja u r-Rumanija.

Figura 3: Il-faqar u l-esklużjoni soċjali fl-UE, bejn l-2005 u l-2011

Sehem tal-popolazzjoni tal-UE	2005	2006	2007	2008	2009	2010	2011
F'riskju ta' faqar jew esklużjoni	25,6	25,2	24,4	23,5	23,1	23,4	24,2
F'riskju ta' faqar	16,4	16,5	16,5	16,4	16,3	16,4	16,9
B'intensità baxxa ta' xogħol	10,3	10,5	9,6	9,0	9,0	10,0	10,0
F'deprivazzjoni materjali severa	10,7	9,8	9,1	8,4	8,1	8,1	8,8
* popolazzjoni bejn l-etajiet ta' 0 u 59 sena							
Sors: Eurostat							


Wara l-kriżi, ħafna nies kellhom iħabbtu wiċċhom ma' introjtu iktar baxx minħabba telf tal-impjiegi jew tnaqqis fis-sigħat u l-pagi. Fis-sitt Stati Membri l-aktar affettwati, l-introjtu disponibbli aġġustat gross reali naqas sostanzjalment wara l-kriżi (ara l-Figura 4).

Fl-Istati Baltiċi, l-introjtu disponibbli aġġustat reali tal-unitajiet domestiċi *per capita* kiber b'mod rapidu bejn l-2005 u l-2008 u mbagħad soffra tnaqqis kbir. Fil-Latvja, l-introjtu disponibbli naqas bi kważi wieħed minn ħamsa fl-2009. Mill-2010, l-introjtu disponibbli reġa' beda jikber għal darb'oħra f'kull wieħed minn dawn it-tliet Stati Membri, iżda l-ebda wieħed minnhom ma laħaq il-livell ta' qabel il-kriżi.

Fil-Greċja, Spanja u l-Irlanda, li għandhom livelli ħafna ogħla ta' introjtu disponibbli mill-Istati Baltiċi, l-istampa hija inqas ċara. Fi Spanja u fl-Irlanda, l-effett tal-kriżi bdew jinħassu biss fl-2009. Minn dak iż-żmien 'l hawn, iż-żewġ pajjiżi tilfu madwar 8 % tal-introjtu disponibbli tagħhom, li ħadhom lura għal-livelli tal-2005. Fil-Greċja, it-tnaqqis tal-introjtu disponibbli beda bil-mod fl-2007. Fl-2009 u l-2010 waqa' ħafna f'daqqa. Bħala riżultat, l-introjtu disponibbli Grieg fl-2011 kien ferm taħt il-livell tiegħu tal-2005.


Minħabba t-tnaqqis fl-introjtu medju, u għalhekk il-limitu tal-faqar, ir-rata ta' daww fir-riskju tal-faqar ħafna drabi taqa' waqt riċessjoni. Din it-taqsima se tuża limitu għall-faqar iffissat fl-livell tal-2005 biex tevita dan l-effett.

Figura 4: Introjtu disponibbli aġġustat gross reali *per capita*, 2005-2011



Fl-Irlanda, is-sehem tan-nies friskju ta' faqar meta mqabbel mal-limitu tal-2005 żdied minn 10 % fl-2008 għal aktar minn 15 % fl-2010 (ara Figura 5). Dan is-sehem laħaq l-20 % fi Spanja u t-23 % fil-Greċja. Minħabba tkabbir qawwi fl-introjtu fil-parti bikrija tal-perjodu mill-2005 sal-2011, ir-rati ta' persuni f'periklu ta' faqar imqabbla mal-2005 żdiedu biss ftit fl-Istati Baltiċi wara l-kriżi, fejn laħqu l-10 % jew inqas, u ma laħqux il-livelli ta' qabel il-kriżi.

Figura 5: Ir-rata tal-persuni li huma fil-periklu tal-faqar mal-limitu tal-2005, 2006-2011



Is-sehem ta' nies fir-riskju tal-faqar imqabbel mal-limitu tal-2005 żdied bi ftit fil-Belġju, l-Ungerija, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit. Fil-partijiet l-oħra tal-UE, huwa naqas jew baqa' stabbli.

Is-sehem tal-popolazzjoni ta' bejn 0 u 59 sena li jgħixu f'unità domestika b'intensità baxxa ħafna ta' xogħol żdiedet wara l-kriżi, iżda xorta baqgħet taħt il-valuri tal-2006 fil-livell tal-UE. Fis-sitt Stati Membri li huma l-aktar affettwati, madankollu, dan is-sehem żdied b'bejn 4 u 9 pp bejn l-2007 u l-2011 (ara **Figura 6**).

Figura 6: Intensità baxxa ħafna ta' xogħol, 2005-2011

Sehem tal-popolazzjoni bejn l-etajiet ta' 0 u 59 sena li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità baxxa ta' xogħol, 2005-2011									
	2005	2006	2007	2008	2009	2010	2011	2011-2007	
L-Estonja	9,4	7,0	6,2	5,3	5,6	8,9	9,9	3,7	
Il-Greċja	7,5	8,0	8,0	7,4	6,5	7,5	11,8	3,8	
Spanja	6,5	6,0	6,3	6,2	7,0	9,8	12,2	5,9	
Il-Litwanja	9,5	8,3	6,4	5,1	6,9	9,2	12,3	5,9	
Il-Latvja	8,1	7,0	6,1	5,1	6,7	12,2	12,2	6,1	
L-Irlanda	14,6	12,8	14,2	13,6	19,8	22,9	n/a	8,7	

Sors: Eurostat

Is-sehem tal-popolazzjoni f'kundizzjoni ta' nuqqas materjali serju, jiġifieri dawk li ma jistgħux jaffordjaw erbgħa minn disa' elementi bażiċi, naqas fil-livell tal-UE minn 11 % għal 8 % bejn l-2005 u l-2010. L-ogħla ishma jistgħu jinstabu fir-Rumanija u l-Bulgarija u t-tnejn li huma rnexxielhom inaqqsu s-sehem mill-popolazzjoni ta' dawk f'kundizzjoni ta' nuqqas materjali serju għal 31 % u 35 % fl-2010. Fl-2011, madankollu, is-sehem tal-UE reġa' żdied.


Bejn l-2008 u l-2011, id-deprivazzjoni materjali estrema żdiedet l-aktar fil-Latvja³ (12-il pp), fil-Litwanja (6 pp), fl-Ungerija (5 pp) u fil-Greċja (4 pp). Fl-2010, is-sehem tal-Irlanda żdied b'2 pp għal 7,5 %, li huwa għoli meta jitqiesu l-livelli tal-introjtu tagħha. Spanja, b'livell ta' introjtu biss ftit iżgħar, kellha biss rata ta' 4 %. Il-Polonja kisbet tnaqqis notevoli tas-sehem tagħha ta' persuni f'deprivazzjoni materjali serja, minn 18 % fl-2008 għal 13 % fl-2011.

Għal analiżi aktar dettaljata tal-bidliet fil-faqar u l-esklużjoni soċjali, inkluż il-profondità tal-faqar, ara l-Kapitolu 2 tar-Rapport *L-Impjiegi u l-Iżviluppi Soċjali fl-Ewropa 2012*⁴.

3. L-IMPATT REĠJONALI

Il-kriżi għebet fi tmiemu perjodu twil li matulu d-disparitajiet reġjonali fil-PDG *per capita* u l-qgħad kienu qed jonqsu. Bejn l-2000 u l-2008, id-disparitajiet reġjonali fil-PDG *per capita* naqsu f'kull sena (ara Figura 7) Fl-2009, dak it-tnaqqis fid-disparitajiet waqaf u kiber fl-2010 u l-2011.

Figura 7: Il-Politika tal-Koeżjoni u l-kriżi



Ir-rati tal-qgħad reġjonali kienu qed jikkonverġu mill-2001 sal-2007, iżda mbagħad tbiegħdu minn xulxin kull sena mill-2007 sal-2012. L-UE-15 ukoll esperjenzaw disparitajiet akbar sa mill-2007 kemm għall-PDG *per capita* kif ukoll għall-qgħad reġjonali.

³ Parti minn din iż-żieda tista' tkun dovuta għal waqfa fis-serje.

⁴ <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=mt&pubId=7315>

3.1. Il-PDG u l-impjiegi fl-ewwel tliet snin tal-kriżi

Żewġ terzi tar-Reġjuni sofrew tnaqqis tal-PDG sa -6 % fis-sena bejn l-2007 u l-2010. L-10 reġjuni fejn il-PDG naqas bl-ogħla rata bejn l-2007 u l-2010 jinkludu t-tliet Stati Baltiċi u seba' reġjuni minn seba' Stati Membri differenti (ara l-Iskeda 5). Il-PDG naqas b'aktar minn 3 % fis-sena f'dawn ir-reġjuni. L-ebda wieħed mir-reġjuni Spanjoli jew Griegi ma jidhru fost dawn ir-reġjuni. Spanja ma tidhirx fost l-ewwel 10 minħabba li sofriet tnaqqis tal-PDG iżgħar mit-tnaqqis fl-impjiegi. Il-Greċja ma tidhirx fost l-ewwel 10 għaliex il-biċċa l-kbira tat-tnaqqis fil-PDG seħħ wara l-2010. Fl-2012, Ċipru ra l-bidu ta' tnaqqis fl-impjiegi u l-PDG li mistenni jkompli sal-2014.

F'diversi Stati Membri, ir-reġjun kapitali għandu l-ogħla rata ta' tkabbir, inkluż il-Bulgarija, il-Ġermanja, is-Slovakkja u l-Polonja.

Wieħed minn kull żewġ reġjuni ra tnaqqis fl-impjiegi totali matul l-istess perjodu. L-impjiegi naqsu b'aktar minn 4 % fis-sena fl-Istati Baltiċi, tliet reġjuni Spanjoli, iż-żewġ reġjuni Irlandiżi u reġjun wieħed fil-Bulgarija (ara l-Iskeda 5). It-tnaqqis fl-impjiegi Griegi sar biss wara l-2010, li hija r-raġuni għaliex dawn ma jidhrux fost l-aqgar reġjuni milquta.

B'mod ġenerali, ir-rabta bejn il-PDG reġjonali u t-tibdil fl-impjiegi hija dgħajfa matul dawn is-snin, billi jieħu ż-żmien biex tnaqqis fil-produzzjoni jaffettwa l-impjiegi. Barra minn hekk, bosta politiki kienu mmirati direttament lejn iż-żamma (part-time) tal-impjiegi matul il-kriżi.

3.2. Il-qgħad qed jiżdied, speċjalment fir-reġjuni tan-Nofsinhar

Fil-livell tal-UE, ir-rati tal-qgħad żdiedu minn 7 % għal 10 % bejn l-2008 u l-2012. Ir-rati tal-qgħad fl-Istati Membri l-iktar milqutin, madankollu, irdoppjaw jew saħansitra ttriplaw b'żidiet ta' aktar minn 8 pp f'ħames Stati Membri u sa 17-il pp fi Spanja (ara l-Iskeda 6). Ir-rati tal-qgħad, fil-ħames Stati Membri l-iktar milquta għal dan l-indikatur, varjaw minn 12 % f'Ċipru sa 25 % fi Spanja⁵.

Il-qgħad żdied b'mod sinifikanti wkoll fil-Latvja, l-Estonja, is-Slovenja, is-Slovakkja u d-Danimarka. Min-naħa l-oħra, ir-rati tal-qgħad naqsu fil-Ġermanja u bilkemm inbidlu fil-Lussemburgu, Malta, il-Belġju u l-Awstrija.

B'mod globali, iktar minn erbgħa minn kull ħames reġjuni tal-UE kellhom iħabbtu wiċċhom ma' żieda bejn l-2008 u l-2010. Il-biċċa l-kbira raw l-akbar żieda f'dan il-perjodu. Aktar minn terz ta' dawn ir-reġjuni rnexxielhom inaqqsu l-qgħad mill-2010.

F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet fil-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku, diversi Stati Membri stabbilixxew miżuri biex jipprevjenu t-telf eċċessiv tax-xogħol, u biex iżidu l-kopertura u t-tul ta' żmien tal-benefiċċji.

Il-qgħad fost iż-żgħażaġħ żdied minn 16 % fl-2008 għal 21 % fl-2011 fil-livell tal-UE (ara l-Iskeda 7). Fi 52 reġjun, wieħed minn kull tliet żgħażaġħ attivi ekonomikament kienu qiegħda. Fi 11 minn dawk ir-reġjuni dan il-proporzjon kien saħansitra ta' wieħed minn kull tnejn, l-aktar fi Spanja u l-Greċja. Barra minn hekk, il-proporzjon ta' persuni ta' bejn 15 u 24 sena li jinsabu barra mill-edukazzjoni, l-impjieg jew it-taħriġ (NEET) żdied: bejn l-2008 u l-2011, ir-rati tan-NEETS żdiedu fi kważi erbgħa minn kull ħames reġjuni, speċjalment fir-Rumanija, il-Greċja u r-Renju Unit (ara l-Iskeda 8).

⁵ Għal analiżi aktar estensiva, ara r-Rapport dwar l-Impjiegi u l-Iżviluppi Soċjali fl-Ewropa 2012. <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=mt&pubId=7315>

3.3. Il-migrazzjoni qiegħda tnaqqas il-pass

Bejn l-2004 u l-2008, in-numru ta' residenti li jgħixu barra l-pajjiż ta' ċittadinanza tagħhom fl-UE-27 żdied b'1,5 miljun fis-sena. Bħala riżultat, il-proporzjon korrispondenti tal-popolazzjoni kollha tal-UE-27 kiber minn 5,1 % għal 6,2 %. Għas-snin mill-2009 sal-2011, iż-żieda annwali naqset għal 0,9 miljun, li wassal għal sehem ta' 6,7 % fl-2011.

Bejn l-2004 u l-2008, l-Irlanda, Spanja, u Ċipru raw żieda tas-sehem tagħhom tal-popolazzjoni barranija ta' iktar minn 4 pp, l-aktar mill-Istati Membri li ssieħbu fl-2004 jew fl-2007. Matul dak il-perjodu, l-Italja, il-Portugall, il-Lussemburgu u r-Renju Unit ukoll esperjenzaw żieda sostanzjali fis-sehem ta' ċittadini barranin.

L-akbar effett tal-kriżi fuq il-migrazzjoni kien f'regħuni li esperjenzaw l-akbar flussi ta' migranti tax-xogħol fil-perjodu ta' qabel il-kriżi. It-tnaqqis fil-migrazzjoni kien fl-aqwa tiegħu fi Spanja, l-Irlanda, Ċipru u xi regħuni tar-Renju Unit u l-Italja (ara l-Iskeda 9), iżda baqa' pożittiv. Ħafna regħuni fi Spanja, in-Nofsinhar ta' Franza u t-Tramuntana tal-Italja ta' fuq xorta kellhom xi wħud mill-ogħla livelli ta' migrazzjoni netta pożittiva.

Il-kriżi aċċellerat l-emigrazzjoni fil-Litwanja u l-Latvja. Fil-Polonja, il-migrazzjoni netta negattiva saret inqas negattiva fir-regħuni tal-fruntiera u l-migrazzjoni netta pożittiva tar-regħun tal-kapitali żdiedet. Il-migrazzjoni netta negattiva naqset fir-Rumanija minħabba fil-migrazzjoni lura minn Spanja. Peress li l-kriżi qed tkompli tiżviluppa, id-differenzi reġjonali li dejjem qegħdin jikbru fir-rati tal-qgħad u l-pagi xorta jistgħu jkomplu jolqtu l-migrazzjoni.

Id-deklin rapidu fir-rigward tal-impjiegi fil-bini u l-industrija kkontribwixxa għall-waqgħa fil-migrazzjoni netta f'regħuni Spanjoli u fit-Tramuntana tal-Italja. Il-migrazzjoni netta kellha t-tendenza li tonqos aktar f'regħuni li għandhom proporzjon ogħla ta' migranti minn Stati Membri oħra.

4. L-IMPATT URBAN

Biex janalizza l-impatt urban, dan ir-rapport juża żewġ approċċi ġeografiċi: ir-regħuni metropolitani u l-ibliet.

- (1) Ir-regħuni metropolitani huma regħuni NUTS-3 li jirrappreżentaw agglomerazzjonijiet urbani ta' iktar minn 250 000 abitant. Dan l-approċċ jippermetti interpretazzjoni urbana tal-PDG u t-tibdil fl-impjiegi.
- (2) L-ibliet huma definiti fil-livell lokali u jinkludu l-ibliet ewlenin fl-UE. Dan l-approċċ jipprovdi aċċess għal dejta dwar l-impjiegi u l-faqar aggregata għall-ibliet kollha f'pajjiż.

4.1. Ir-regħuni metropolitani għandhom taħlita ta' reżiljenza u vulnerabbiltà

Fi tnejn minn kull tliet Stati Membri⁶, ir-regħuni metropolitani bħala medja żiedu l-PDG tagħhom *per capita* f'PPS relattivament mal-pajjiż kollu bejn l-2007 u l-2010 (ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal COM, il-Figura 4). Fit-12-il Stat Membru li żiedu l-PDG *per capita* tagħhom meta mqabbla mal-UE, ir-regħuni metropolitani tagħhom qabżu l-kumplament tal-pajjiż. Fi tmienja mit-12-il Stat Membru li kellhom tnaqqis fil-PDG *per*

⁶ Din l-analiżi teskludi lil-Lussemburgu, Malta u Ċipru.

capita meta mqabbla mal-UE, il-PDG *per capita* f'regħuni metropolitani naqas b'rata iktar mgħaġġla milli fil-pajjiż kollu kemm hu.

Din ix-xejra ta' tkabbir aktar mgħaġġel tal-PDG f'ekonomiji li qed jikbru u tnaqqis aktar mgħaġġel fil-biċċa l-kbira tal-ekonomiji li qed jonqsu tista' tfisser li l-ekonomiji urbana huma aktar instabbli u suxxettibbli għal tkabbir qawwi u waqgħat f'daqqa.

Minkejja prestazzjoni qawwija ġenerali tar-reġjuni metropolitani, aktar minn tlieta minn ħamsa raw tnaqqis fil-PDG *per capita* tagħhom bejn l-2007 u l-2010 meta mqabbel mal-livell nazzjonali. Żoni metropolitani iżgħar kienu l-aktar li marru lura, u 74 % minnhom naqsu meta mqabbla ma' pajjiżhom. Żoni metropolitani tat-tieni saff ukoll batew, b'54 % minnhom jaqgħu lura. Kienu biss iż-żoni metropolitani kapitali li kellhom prestazzjoni aħjar bi 30 % biss minnhom imorru lura.

Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, l-impjieg⁷ f'regħuni metropolitani kienu aktar reżistenti għall-kriżi minn dawk f'regħuni mhux metropolitani bejn l-2007 u l-2010 (ara d-Dokument ta' Hídma tal-Persunal COM, il-Figura 5). Kien biss fil-Finlandja, il-Greċja, l-Ungerija u l-Latvja li l-impjieg f'regħuni mhux metropolitani naqsu aktar bil-mod milli f'regħuni metropolitani.

Simili għall-bidliet fil-PDG *per capita*, mhux ir-reġjuni metropolitani kollha esperjenzaw bidla fl-impjieg aħjar minn pajjiżhom. Biss nofs ir-reġjuni metropolitani esperjenzaw impatt inqas qawwi fl-impjieg (jew tkabbir aktar mgħaġġel fl-impjieg) mir-reġjuni mhux metropolitani f'pajjiżhom. Ftit iktar minn nofs iż-żoni metropolitani tat-tieni saff kellhom pass aħjar minn ta' pajjiżhom. Ftit inqas minn nofs iż-żoni metropolitani iżgħar kellhom prestazzjoni aħjar minn ta' pajjiżhom. Iż-żoni metropolitani kapitali kellhom prestazzjoni ħafna aħjar: disgħa minn kull 10 kellhom rendiment tal-impjieg aħjar. Disa' metros kapitali saħansitra kisbu tkabbir fl-impjieg minkejja li kien hemm tnaqqis nazzjonali tal-impjieg.

Fir-Renju Unit u Spanja bejn wieħed u ieħor nofs ir-reġjuni metropolitani kellhom prestazzjoni fl-impjieg agħar mir-reġjuni mhux metropolitani. Fil-Greċja u l-Ungerija kważi r-reġjuni metropolitani kollha kellhom prestazzjoni agħar. Fil-maġġoranza tal-Istati Membri, madankollu, ir-reġjuni metropolitani kollha jew il-biċċa l-kbira minnhom kellhom prestazzjoni agħar fl-impjieg minn reġjuni mhux metropolitani. Dan kien partikolarment evidenti fil-Polonja, is-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija u l-Bulgarija.

F'dawn l-ewwel tliet snin tal-kriżi, il-biċċa l-kbira tar-reġjuni metropolitani wrew li huma reżiljenti, speċjalment ir-reġjuni metropolitani tal-ibliet kapitali. Reġjuni metropolitani tat-tieni saff kellhom prestazzjoni anqas tajba. Ir-reġjuni metropolitani iżgħar kienu pjuttost vulnerabbli u l-maġġoranza minnhom waqgħu lura f'termini ta' bidla fil-PDG *per capita* u bidla fl-impjieg.

4.2. L-ibliet fi kriżi

Il-faqar u l-esklużjoni soċjali huma kkonċentrati fl-ibliet, b'mod partikolari fil-Majjistral tal-Ewropa. Il-kriżi kompliet tintensifika din il-konċentrazzjoni. Ir-rata tar-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali (AROPE) żdiedet b'1 pp fi bliet fl-UE meta mqabbla ma' żieda ta' 0,5 pp barrra mill-ibliet (ara Figura 8).

⁷ Din l-analiżi teskludi lil-Lussemburgu, Malta u Ċipru.

Figura 8: Bidla fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali, 2008-2011

Bidla fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali, 2008-2011				
UE27	AROPE	AROP	LWI	SMD
Bliet	1,0	0,6	0,9	0,5
Żoni oħra	0,5	0,5	1,1	0,3
UE15				
Bliet	1,2	0,6	1,2	0,7
Żoni oħra	0,9	0,3	1,4	0,9
UE12				
Bliet	-0,4	0,3	-0,3	-0,7
Żoni oħra	-1,0	0,8	0,3	-1,5
Sors: Eurostat				

Fl-2011, in-nies li jgħixu fl-ibliet fl-UE-15 kienu friskju akbar ta' faqar jew esklużjoni soċjali minn dawk li jgħixu barra mill-ibliet (ara Figura 9). Anke t-tliet komponenti ta' dan ir-riskju huma oġġet fl-ibliet milli barra minnhom. Fl-UE-12, is-sitwazzjoni għandha t-tendenza li tkun l-oppost. Nies li jgħixu fl-ibliet ikunu konsiderevolment inqas friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali.

Figura 9: Riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali fl-ibliet, 2011

Riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali fl-ibliet, 2011				
UE27	AROPE	AROP	LWI	SMD
Bliet	23,3	15,7	11,0	8,4
Żoni oħra	25,0	18,0	9,1	9,2
UE15				
Bliet	23,1	16,8	12,0	6,8
Żoni oħra	21,9	16,6	9,2	5,3
UE12				
Bliet	24,1	9,9	6,5	16,5
Żoni oħra	34,5	22,2	8,9	20,8
Sors: Eurostat				

Id-deprivazzjoni materjali serja hija oġġet fl-ibliet fi 18-il Stat Membru. L-intensità baxxa ħafna ta' xogħol hija aktar mifruxa fl-ibliet fi 15-il Stat Membru (ara l-Iskeda 10). Id-deprivazzjoni materjali serja hija oġġet fl-ibliet f'10 Stati Membri.

Is-sehem għoli ta' unitajiet domestiċi b'intensità baxxa ħafna ta' xogħol fl-ibliet bil-konċentrazzjoni għolja ta' impjieg tagħhom hija pjuttost paradossali. Dan jista' jkun minħabba nuqqas ta' tqabbil tal-ħiliet mal-ħtiġijiet, impjieg prekarji jew sehem oġġet ta' unitajiet domestiċi b'persuna waħda fl-ibliet. Jista' jkun ukoll relatat mal-proporzjon oġġet ta' residenti mwielda barra l-UE fl-ibliet.

Fi 11 mill-Istati Membri tal-UE-15⁸, nies imwielda barra l-UE kellhom probabbiltà ħafna akbar li jgħixu f'unità domestika b'intensità baxxa ħafna ta' xogħol. Fl-2010, ir-rata ta' intensità baxxa ħafna tal-impjieg ta' dawk li ma kinux imwielda fl-UE kienet tal-anqas sitta fil-mija oġġet minn dik ta' persuni mwielda fil-pajjiż li qed jgħixu fih. Bosta persuni mhux imwielda fl-UE jiffaċċaw bosta ostakli biex jidħlu fis-suq tax-xogħol, bħal li ma jgħidux il-lingwa lokali, nuqqas ta' ħiliet, nuqqas ta' rikonoxximent tal-kwalifiki tagħhom u diskriminazzjoni.

⁸ L-uniti eċċezzjonijiet kienu l-Italja, il-Greċja, il-Portugall u l-Lussemburgu.

Bħal fil-każ tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, l-ibliet fl-Istati Membri l-iktar żviluppati għandhom it-tendenza li jkollhom rati anqas tal-impjieg, u rati oġhla tal-qgħad mill-ibliet iżgħar, subborgi u żoni rurali (ara Figura 10), filwaqt li l-oppost hu l-każ fl-Istati Membri li huma inqas żviluppati. Il-kriżi ma biddlitx dan il-mudell.

Figura 10: L-impjieg u l-qgħad fi bliet u żoni oħra, 2008-2011

	Rata tal-impjieg, 20-64		Rata tal-qgħad	
	2011	Bidla 2008-2011	2011	Bidla 2008-2011
UE-27				
Bliet	64,5	-1,8	10,1	2,6
Żoni oħra	64,0	-1,9	9,4	2,6
UE-15				
Bliet	65,0	-1,7	10,3	2,6
Żoni oħra	66,0	-1,6	9,1	2,5
UE-12				
Bliet	62,4	-1,4	9,0	3,3
Żoni oħra	58,3	-1,8	10,3	2,9

Sors: Eurostat

5. IL-POLITIKA TAL-KOEŻJONI U L-KRIŻI

Dan ir-rapport jiddeskrivi f'tit mill-kwistjonijiet ewlenin li l-programmi ta' koeżjoni għandhom jikkunsidraw għall-perjodu 2014-20.

Il-kriżi għamlitha aktar diffiċli biex jintlaħqu l-miri ta' Ewropa 2020 minħabba tnaqqis fir-rati tal-impjieg u żieda fil-faqar u l-esklużjoni soċjali. Barra minn hekk, it-twessigħ tad-differenzi reġjonali qed jimmina wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Unjoni Ewropea u tal-Politika ta' Koeżjoni.

Għalkemm xi Stati Membri, bħall-Ġermanja u l-Polonja, evitaw il-kriżi relattivament bi f'tit ħsara, ħafna minnhom se jaffaċċaw aktar problemi u inqas riżorsi pubbliċi. Dawn jinkludu, għal ħafna mill-Istati Membri jekk mhux għall-biċċa l-kbira minnhom:

- Il-PDG u l-livelli ta' impjieg li għadhom ma rritornawx lura għal-livelli ta' qabel il-kriżi
- Livelli oġhla ta' qgħad, faqar u esklużjoni
- Tnaqqis fl-introjt tal-unitajiet domestiċi, li jiddeprimi l-konsum u l-importazzjonijiet
- Livelli mingħajr preċedent ta' dejn pubbliku u l-ħtieġa għall-konsolidazzjoni fiskali

Ir-rapport juri li l-intensità tal-problemi tvarja b'mod sinifikanti madwar l-Ewropa. Dan jissuġġerixxi li d-disinn ta' programmi ta' koeżjoni fil-ġejjieni għandu jirrifletti dawn id-differenzi sabiex jimmassimizza l-impatt u jimmira lejn il-problemi fejn dawn ikunu l-aktar akuti.

Kontra dan l-isfond, il-programmi ta' koeżjoni tal-ġejjieni se jkollhom iqiegħdu enfasi partikolari fuq investimenti li jżidu t-tkabbir u joħolqu l-impjieg. Huwa biss irkupru stabbli u qawwi li jista' jnaqqas ir-rati tal-qgħad.

Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni qed tipproponi li tikkonċentra r-riżorsi fuq f'tit oqsma importanti bħall-impjieg (partikolarment għaż-żgħażagħ), it-taħriġ u l-edukazzjoni, l-inklużjoni soċjali, l-innovazzjoni u l-SMEs, l-effiċjenza tal-enerġija u ekonomija b'livell baxx ta' karbonju u hija miftuħa biex tespandihom lejn l-infrastrutturi tal-ICT u miżuri tat-tkabbir diġitali.

L-esportazzjonijiet u l-investiment dirett barrani jikkostitwixxu magna tat-tkabbir kbira fi Stati Membri inqas żviluppati, u jgħinu biex jinħolqu l-impjiegi u jiġu trasferiti l-għarfien u t-teknoloġija. L-SMEs, wieħed mill-gruppi ewlenin fil-mira tal-Politika ta' Koeżjoni, huma affettwati b'mod partikolari mid-deterjorament fl-ambjent tan-negozju. F'kuntest ta' domanda interna baxxa, l-esportazzjoni ta' aktar oġġetti u servizzi se tgħin biex jerġa' jibda t-tkabbir. Investimenti fl-innovazzjoni u strateġija intelliġenti tal-ispeċjalizzazzjoni jistgħu jtejbu l-prestazzjoni ta' dan is-settur.

Is-settur tal-kostruzzjoni se jkompli jsofri mill-konsegwenzi tal-kriżi bankarja, minħabba l-aċċess limitat għall-kreditu, it-tifqigħ tal-bużżejja tas-settur tad-djar, u t-tnaqqis fl-introjt disponibbli u sigurtà tal-introjt tal-unitajiet domestiċi. L-investiment fl-effiċjenza tal-enerġija tal-bini jista' jgħin biex jiġu rkuprati xi wħud mill-impjiegi li ntilfu f'dan is-settur.

Ir-riskju ta' faqar jew l-esklużjoni żdied fil-livell tal-UE u jista' jkompli jikber minħabba d-dewmien fl-impatt tal-kriżi fuq il-faqar u l-esklużjoni.

Il-konsolidazzjoni fiskali se tkompli żżid ir-rwol tal-Politika ta' Koeżjoni bħala sors importanti ta' investiment pubbliku fil-perjodu 2014-20. F'bosta mill-Istati Membri u r-reġjuni inqas żviluppati, il-finanzjament tal-koeżjoni diġà jirrappreżenta aktar minn nofs l-investiment pubbliku tagħhom. Il-Kummissjoni thegġegħ lill-Istati Membri u r-reġjuni biex jibdw jippreparaw il-programmi l-ġodda mingħajr dewmien sabiex ma jintilifx żmien biex niżguraw li l-proġetti meħtieġa biex terġa' titqajjem l-attività ekonomika u tiġi appoġġata l-inklużjoni soċjali jkunu jistgħu jibdw fil-bidu tas-sena d-dieħla.